TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 25

L-Erbgha, 1 ta' Lulju, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 24 li saret nhar l-Erbgha, 3 ta' Gunju, 2026, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***EV Charging Pillars fi Triq San Girgor mill-OHSA***. Tressqet quddiem il-Kunsill ir-risposta tal-OHSA ghall-email tal-Kunsill. L-OHSA sostnew li waqt il-hinijiet tax-xoghol, ic charging pillars ser jintużaw mill-haddiema taghhom filwaqt li fil-hinijiet l-ohra jistghu jintużaw mill-pubbliku inġenerali. Talbu wkoll li jergghu jiltaqghu mal-Kunsill kollu. Kien hemm qbil li mhemmx il-htiega li ssir laqgha mal-Kunsill kollu ghaliex is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jirrappreżentaw lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel ukoll li jipproponi li c-charging pillars isiru fi Triq Edgar Ferro fil-parking bay fejn bhalissa huwa riservat ghas-CEO u go parking bay ohra. Jew alternattivament, il-parking tas-CEO isir fi Triq San Girgor u jkun wiehed miz-zewg parkeġġi li fihom isir ic-charging pillar. Il-parking ta' Triq Edgar Ferro fejn bhalissa hemm ir-reserved parking tas-CEO, isir parkeġġ ghar-residenti.

4 GIEH TAL-PIETA`

4.1 Wara li gew ikkunsidrati xi ismijiet, il-Kunsill unanimament qabel li ghal din is-sena Gieh Tal-Pieta` ghandu jinghata lis-Sur Edward Schembri ghall-ghajnuna u s-sosten tieghu lill-komunita` ta' Tal-Pieta` f'oqsma differenti iżda b' mod partikolari lill-club tal-football ta' Tal-Pieta`.

5 KORRISPONDENZA

5.1 ***Traffic lights fi Triq Marina hdejn KPMG.*** Il-Kunsill irċieva ittra minghand residenta fl-inhawi dwar il-perikli li jirriżultaw minn dawn it-traffic lights. Kien hemm qbil li din l-email tintbghat lil TM.

5.2 ***U bars fi Triq ix-Xatt.*** Il-Kunsill irċieva minghand TM li biex isiru dawn il-U bars jehtieg il-permess tal-PA. Kien hemm qbil ma' proposta tas-Sindku li minhabba li din hija Triq arterjali u ghalhekk responsabbiltà ta' TM, issir talba biex l-istess TM taghmel crash barriers bhalma hemm man-naha tal-bahar. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

5.3 ***Un/loading fi Triq l-Isptar.*** Il-Kunsill qabel li mhemmx il-htiega ta' un/loading fi Triq l-Isptar quddiem Pawsome Pet Shop, Nru.22.

6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

6.1 **Laqgha ma' IM**: Is-Sindku qal li saret il-laqgha ma' IM fejn gie propost li flok il-bridge fil-progett tal-Imsida, isir *semi under pass* u infurmaw li kienu se jehduha *in consideration* jekk issirx.

Fl-istess laqgha giet diskussa wkoll il-problema li nholqot bl-eghluq tad-dahla hdejn il-Kappella tad-Duluri. Min-naha tal-Kunsill tressqu xi proposti u minn TM tressqet il-proposta biex Triq id-Duluri minn Triq Patri vincenza Portelli tiġi bil-maqlub u minflok tinżel lejn il-Kappella. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta u IM ghandha tara li d-dahla terga' tinfetah kif kienet qabel, bil-karozzi jitilghu 'il fuq.

6.2 **Trattament ghal hornets**: Is-Sindku ppropona li jinxtraw xi buckets biex tiġi trattata l-problema tal-hornets f'postijiet pubblici. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.3 **Torpedo Depot**: Is-Sindku informa li kienet saret laqgha mal-kuntrattur li rebah l-offerta tat-Torpedo Depot. Il-kuntrattur indika li hemm il-htiega ta' xi extra costs sabiex il-gnien jiġi ghall-istat tajjeb li ghandu jkun. Indika wkoll li hemm bżonn tikber il-hazna tal-ilma fil-gnien billi jiżdiedu aktar tankijiet. Hemm possibilta li ilma jittiehed mill-*main* iżda jkun ahjar jekk dan ma jsirx minhabba l-ispiza fuq il-kont tad-dawl u l-ilma tal-gnien.

6.4 **ILVANt**: Is-Sindku informa li fil-31 ta' Lulju ser issir it-tieni edizzjoni tal-attivita` lVANt, 'Lejla Sajfija f'Tal-Pieta``, attività` li ssir flimkien mar-Regjun Lvant. Din is-sena, wara t-tombola ser ikun hemm Claudia Faniello u l-band taghha kif ukoll magician. L-attivita` ser issir fi Triq id-Duluri bejn Triq Santa Monika u Triq San Guzepp.

6.5 **PA 2201/17**: Is-Sindku informa li dan il-permess kien gie approvat mill-PA u hemm il-htiega li jsir appell. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan l-appell.

6.6 **Zvilupp quddiem il-Knisja**: Is-Sindku informa li kien sar l-appell fuq dan l-izvilupp u ser ikun hemm it-trattazzjoni fuqu f'Settembru.

6.7 **Cat Houses**: Is-Sindku ppropona li jinbidlu l-cat houses li kienu saru xi żmien ilu u jsiru ohrajn godda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7 MISTOQSIJIET

7.1 Il-Kunsillier Grech talab li ssir bozza fejn l-istage fejn qed isir l-izvilupp flok l-ex Sa Maison Home. Is-Sindku wieġeb li skond il-mappa tal-Enemalta, diġà kien hemm lampa li ghal xi raġuni żmien ilu tnehhiet. Ghalhekk saret talba mal-Enemalta biex terga' ssir.

8 APPROVAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

8.1 Ma kienx hemm il-htiega ghal approvazzjoni ghax-xiri ta' oġġetti/servizzi.

9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

9.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 24. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

10. TMIEM

10.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 5 ta' Awwissu, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku